MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Numru. 1051/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Joseph Muscat**
**Anthony Borg**
**Lynsey Marie Harrington**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Muscat, bin Raymond u Rosalie nee' Baldacchino, imwieled Pieta' fil-21 ta' Awwissu 1983 u residenti St. Andrew's Crt, Flt. 2 Marlene, Triq Wied il-Knejjes, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 420883(M) u l-imputat Anthony Borg, bin Alfred u Margaret nee' Ciantar, imwieled Pieta' fil-25 ta' Lulju 1985, residenti 9, Bini tal-Gvern, Telghet Spencer, Marsa

u detentur tal-karta tal-identita' numru 405685(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar is-6 ta' Frar 2007 bejn l-ghaxra ta' filghodu (10am) u l-erbgha ta' wara nofs inhar (4pm) f' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella billi ziedu jew bidlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Godwin Saliba ghad-detriment ta' l-istess Godwin Saliba detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 69983(M) u/jew persuni ohra;

2. Xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

3. Fl-istess data u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn €232.94 ghad-dannu ta' Godwin Saliba detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 69983M u/jew persuni ohra;

Lill-Joseph Muscat bin Raymond u Rosalie nee' Baldacchino, mwieled Pieta' fil-21 ta' Awwissu 1983, residenti St Andrew's Crt, Flt 2, Marlene, Triq Wied il-Knejjes, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 420883M u,

Anthony Borg bin Alfred u Margaret nee' Ciantar, imwieled Pieta' fil-25 ta' Lulju 1985, residenti 9, Bini tal-Gvern, Telghet Spencer, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 405685M u,

Lynsey Marie Harrington bint Joseph u Monica nee' Fenech, imwielda Pieta' fil-25 ta' Mejju 1983, residenti Blk 2, Flt 5, Triq Patri Gwann Azzopardi, Binja Binarju, Ent. K, Santa Venera u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 283583M;

Akkuzati talli nhar is-06 ta' Frar 2007 bejn l-ghaxra ta' filghodu (10am) u l-erbgha ta' wara nofs inhar (4pm) f' dawn il-gzejjer

4. Laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Lynsey Marie Harrington wahidha akkuzata ukoll talli

5. Xjentement ghenet jew assistiet lil Joseph Muscat u Anthony Borg fl-atti li bihom id-delitti ta' falsifikazzjoni, uzu u truffa skond imputazzjonijiet 1, 2 u 3 gew ippreparati jew ikkunsmati.

Lil Joseph Muscat wahdu akkuzat ukoll

6. B'hekk rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' Magistrati Malta kif ippreseduta mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D nhar id-29/09/2005 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Novembru 2009 (esebit a fol. 22 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2009 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li

l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputati Anthony Borg u Joseph Muscat il-Qorti kkunsidrat illi r-raba' akkuza kienet mezz ghall-fini tal-ewwel tlett akkuzi. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat Anthony Borg irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet kif jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxjata u aktar u aktar il-fatt li skond ma jirrizulta minn dak verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2009 jidher li llum il-gurnata huwa gharaf jaqbad it-triq it-tajba u rriforma ruhu. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li ghandha tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputati Joseph Muscat u Lynsey Marie Harrington il-Qorti kkunsidrat il-fatt li huma rregistraw ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u fil-kaz tal-imputat Joseph Muscat il-fatt li huwa assuma l-obbligu illi talvolta jigi nterpellat sabiex jirrifondi r-rikavat tar-reati li taghhom huwa qed jinstab hati, huwa jhallas ghal tali nterpellanza fil-pront.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 308, 309, 310 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Anthony Borg hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum u bil-kundizzjoni li sa zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat ihallas lil Godwin Saliba jew lil persuna surrogata fid-drittijiet tal-istess Godwin Saliba sehmu mir-rikavat tar-reati li taghhom qed jinstab hati.

Wara li rat l-Artikoli 42, 334, 183, 184, 308, 309, 310 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata Lynsey Marie Harrington hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hatja taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ sentejn(2) Lynsey Marie Harrington ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilha.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Lynsey Marie Harrington kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Lynsey Marie Harrington ghandha tavza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

Wara li rat l-Artikoli 49, 50,183, 184, 308, 309, 310 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti issib lill-imputat Joseph Muscat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Joseph Muscat taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' sentejn(2) Joseph Muscat ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Joseph Muscat kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Joseph Muscat ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 8 ta' Jannar 2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Joseph Muscat**
**Anthony Borg**

**Lynsey Marie Harrington**

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 8 ta' Jannar 2010

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Lynsey Marie Harrington giet mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn(2), tkun tista' tigi kkundannata ghar-reat li ghaliha qieghda tigi maghmula din l-ordni, u illi l-hatja wriet li trid thares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Tordna li l-imsemmija Lynsey Marie Harrington bint Joseph u Monica nee' Fenech, imwielda Pieta' fil-25 ta' Mejju 1983, residenti Blk 2, Flt 5, Triq Patri Gwann Azzopardi, Binja Binarju, Ent K, Santa Venera u detentrici tal-karta tal-identita' numru 283583(M) titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn (2) millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' sentejn(2) Lynsey Marie Harrington ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilha.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Lynsey Marie Harrington kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Lynsey Marie Harrington ghandha tavza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

**Lynsey Marie Harrington**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 8 ta' Jannar 2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Joseph Muscat**
**Anthony Borg**
**Lynsey Marie Harrington**

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 8 ta' Jannar 2010

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Joseph Muscat gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluz l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn(2), ikun jista' jig kkundannat ghar-

reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet il-htigijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Tordna li l-imsemmi Joseph Muscat, bin Raymond u Rosalie nee' Baldacchino, imwieled Pieta' fil-21 ta' Awwissu 1983 u residenti St. Andrew's Crt, Flt 1 Marlene, Triq Wied il-Knejjes, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 420883(M) jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn (2) millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' sentejn(2) Joseph Muscat ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Joseph Muscat kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Joseph Muscat ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

**Joseph Muscat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------